



Brussell, 29 ta' Settembru 2021  
(OR. en)

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2016/0176(COD)**

---

12025/21  
ADD 1 REV 1

CODEC 1234  
MIGR 197  
SOC 524  
EMPL 381  
EDUC 303

**NOTA PUNT "I/A"**

|          |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                    |
|----------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                   |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                      |
| Suġġett: | Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL<br>dwar il-kondizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi<br>għall-fini ta' impjieg bi kwalifiki għoljin, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill<br>2009/50/KE ( <b>I-ewwel qari</b> )<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv<br>= Dikjarazzjonijiet |

**Dikjarazzjoni mill-Awstrija**

L-Awstrija tilqa' l-fatt li l-kompromess miksub jippermetti li l-iskemi nazzjonali għall-migrazzjoni kwalifikata jinżammu paralleli mal-Karta Blu. Il-Karta Awstrijaka "ħamra-bajda-ħamra" hija strument effettiv tal-liġi Awstrijaka dwar il-migrazzjoni li tippermetti l-ġestjoni effettiva tal-migrazzjoni kwalifikata u li tista' tiġi adattata b'mod flessibbli għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

Barra minn hekk, l-Awstrija tilqa' l-fatt li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta Blu ma ġiex estiż għall-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali. Madankollu, jibqa' tħassib li l-Karta Blu ma tidistingwix b'mod ċar bejn il-migrazzjoni ta' persuni li jeħtieġu protezzjoni u l-migrazzjoni ta' ħaddiema. Mingħajr distinzjoni bħal din jintbagħtu sinjali qarrieqa.

L-Awstrija setgħet appoġġat l-inklużjoni ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta Blu taħt kondizzjonijiet speċifiċi, kif hemm imsemmi fil-mandat tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 2017, sabiex jittaffew l-inċentivi għal movimenti sekondarji.

Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mal-kisba ta' status ta' residenza fit-tul, l-Awstrija tilqa' l-fatt li l-istatus ta' residenza fit-tul jista' jinkiseb wara 5 snin ta' residenza legali, kif hemm imsemmi fid-Direttiva dwar ir-Residenti fit-Tul (2003/109/KE), minflok 3 snin kif previst fil-proposta oriġinali tal-Karta Blu mill-Kummissjoni.

Barra minn hekk, għad hemm tħassib dwar l-iskadenza proċedurali mqassra ta' 30 jum fil-każijiet ta' mobbiltà intra-UE.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tat-trattament ugwali, l-Awstrija tappoġġa l-inklużjoni tad-dispożizzjoni tal-mandat tal-Kunsill li tistipula li l-Istati Membri jistgħu jirrestrinġu t-trattament ugwali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fir-rigward tal-benefiċċji tal-familja fir-rigward tal-membri tal-familja li jirrisjedu f'pajjiżi terzi. Sfortunatament, dan mhuwiex rifless fit-test finali.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Awstrija tastjeni.

### **Dikjarazzjoni mill-Ungerija**

L-Ungerija tixtieq tenfasizza l-apprezzament tagħha għall-isforzi tal-Presidenza biex tippreserva l-elementi ewlenin tal-approċċ ġenerali, madankollu, għad hemm elementi fil-proposta li mhumiex konformi mal-pożizzjoni tagħna, speċjalment fir-rigward tal-protezzjoni tas-suq tax-xogħol.

L-Ungerija topponi kwalunkwe restrizzjoni fuq l-applikazzjoni tat-test tas-suq tax-xogħol lil hinn mid-dispożizzjonijiet attwalment fis-seħħ. Aħna nopponu wkoll li jiżdied il-perijodu minimu tal-validità tal-Karta Blu. Barra minn hekk nixtiequ nenfasizzaw il-pożizzjoni b'saħħitha tagħna li skontha l-Ungerija ma tqisx li hija meħtieġa jew xierqa l-armonizzazzjoni ulterjuri tar-regoli rilevanti fil-qasam tal-migrazzjoni legali, u f'dan ir-rigward nixtiequ ntennu l-pożizzjoni tagħna dwar il-migrazzjoni legali b'mod ġenerali.

Aħna nirrikonoxxu li l-kompromess milħuq huwa r-risultat ta' negozjati dejjiema, madankollu l-Ungerija mhijiex f'pożizzjoni li taċċetta l-kompromess finali, minħabba r-raġunijiet imsemmija hawn fuq.